Kunsill Lokali Fontana

Minuti tat-tlieta u erbgħin (43) laqgħa, tas-seba' legislatura tal-Kunsill Lokali tal-Fontana li saret nhar it-Tnejn, 28 ta' Diċembru 2015 fil-5.00 ta' wara nofs in-nhar fis-Sala tal-Kommunita'.

Preżenti għal laqgħa:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Sindku |
| Is-Sur Horace Micallef | Kunsillier |
| Is-Sur Carmel Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Mercieca | Kunsillier |
| Is-Sna Odette Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Victor Cefai | Viċi Sindku |

1. Talba

1.1 Il-laqgħa ġiet ipreseduta mis-Sindku u bdiet b'talba.

2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-minuti tal-laqgħa 40 ġew approvati mill-membri preżenti u iffirmati mis-Sindku u s-Seg. Eżekuttiv.

*Mill-Minuti*

Is-Segretarja infurmat lil preżenti li:

2.2 Rigward il-fond 189/190 fi Triq il-Għajn, is-Sur Anthony Cassar appella mis-sentenza li ingħatat f'Novembru 2015 mill-Qorti ta' Għawdex.

2.3 Rigward il-*weekend break* fejn attendew 51 persuna inkluż iż-żewġ Kunsilliera, is-Seg. Eżekuttiv tat rendikont ta' x'intefaq fejn infurmathom illi r-residenti ħallsu €3812, u l-Kunsill ħallas €3290 lil lukanda San Antonio, €300 għat-trasport lil Paramount, €45 għat-trasport f'Għawdex u €86 għal ħlas tal-lukanda ta' Kunsillier. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li baqa' bilanċ favur il-Kunsill ta' €91 li jkopri l-istampar ta' l-avviżi u spejjes oħra . Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li ikkalkulat ħażin li ma kien ser jibqa' xejn biex jitħallas tat-


Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Muleja
Fontana FNT 1110
Tel. 21558877 – Fax: 21562555


S.Borg

tieni Kunsillier li kien ser jattendi l-*weekend break* peress li hasbet li għat-trasport f'Għawdex kien ser jithallas aktar. Is-Sur Micallef informa lis-Seg. Eżekuttiv illi l-ħlas għal Kunsillier l-ieħor setgħa inqata' minn dan u mhux ħareġ mill-fondi tal-Kunsill. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li wara li ġiet ikalkulata l-ispiża hekk ġara u għalhekk ma ġiex imħallas mill-fondi tal-Kunsill. Is-Sur Micallef staqsa lis-Seg. Eżekuttiv kemm il-persuna taw b'xejn is-Sant. Antonio Hotel u infurmatu illi taw persuna waħda ġo kamra dopja. Is-Sur Micallef staqsa lis-Seg. Eżekuttiv jekk tistax tgħaddi kopja ta' l-*invoice* tas-Sant Antonio Hotel u s-Seg. Eżekuttiv infurmatu li l-kopja ta' l-*invoice* qegħda fl-uffiċċju u jista' wara l-laqgħa jiġi għal kopja. Is-Sindku staqsa kemm żamm *extra* għat-trasport għax fil-Kunsill kien sar qbil li jinżammu €10 iktar ir-ras iżda s-Seg. Eżekuttiv infurmatu li ma tiftakarx u trid tiċċekja mal-minuti.

2.4 L-attivita' li ttellet fi Pjazza l-Ghejjun b'risq il-Community Chest Fund kienet suċċess fejn fiha attendew numru sodisfaċenti ta' nies. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li nġabru €318 mill-karusijiet li tpoġġew mill-Kunsill fid-diversi ħwienet madwar ir-raħal u fil-Knisja Parrokjali u l-Kunsill fejn intefgħu xi *envelopes* li tqassmu mill-Kunsill f'kull dar. Dawn ġew ippreżentati mis-Sindku lil Eċċ. Tagħha l-President ta' Malta Marie Louise Coleiro Preca fil-preżenza tal-Kunsillier Horace Micallef u s-Seg. Eżekuttiv. Il-Fontana Cottage industry offrew ukoll *cheque* ta' €1000 lil Community Chest Fund. Din l-attivita' ġiet imtella' mill-Kunsill bis-sehem tal-*Happy School Choir* u l-Arpista Jacob Portelli.

2.5 Rigward il-kont ta' Tarcisio Xerri, il-Perit Ivana Farrugia infurmat lil Kunsill li ma tistax tapprova l-kont tas-Sur Xerri minħabba l-fatt li hi ma kienitx ġiet mitluba tipprepara l-*bill of quantities* mill-Kunsill u lanqas kienet involuta fil-proċess tal-għażla ta' l-offerti miġbura u li hu għalhekk li ma tistax tqabbel il-kont mibgħut ma rati approvati minnha. Is-Sindku qal li l-Perit kellha suppost tara x-xogħol li għamel is-Sur Xerri u mhux tiċċertifika x-xogħol bħal ma talbitha is-Seg. Eżekuttiv. Is-Sindku propona li nistaqsuha liema xogħol għamel Raymond Bonnello u x'xogħol jidrilha li wettaq is-Sur Xerri. Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm bżonn li jsir Kuntratt bejn il-Kunsill u r-restawratur. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet li ma kienx hemm għalfejn peress li din kienet kwotazzjoni. Is-Sindku informa lil preżenti li t-trinka ta' l-*air condition* li hemm ħdejn in-niċċa ser jagħmilha Joe Grima stess a spejjes tiegħu. Is-Sur Farrugia propona li l-Kunsill jiltaqa' mas-Sur Xerri biex jiġi inegozjat prezz la l-Perit ma tridx. Is-Sur Mercieca qal li l-Perit kienet qalet li hu ma għamilx xogħol tajjeb u



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

li sa fejn jaf hu min jagħmel xogħol ħażin ma jithallasx tiegħu, kompla jistaqsi lil membri fejn kienet li xi darba xi ħadd tħallas tax-xogħol ħażin li jkun għamel. Is-Sur Micallef staqsa jekk x-xogħol li qed isir issa minn Joe Grima hux ser jithallas tiegħu. Kompla jgħid li hija l-kariga tal-Perita li tinforma lil Kunsill ix-xogħol ikunx lest u ikunx kif suppost. Il-membri qablu li għandha terġa tiġi avviċinata l-Perit biex tinforma lil Kunsill bix-xoghol li ġie mwettaq mis-Sur Tarcisio Xerri.

2.6 Is-Sindku reġa ġibed l-attenzjoni fuq ir-risposta li kien ta l-Asst. Direttur s-Sur Pio Farrugia rigward is-siegħat żejda li tagħmel is-Seg. Eżekuttiv biex tattendi l-laqgħa tal-Kunsill wara l-ħin normali tax-xogħol u qal li mhux konvint mit-tweġiba tas-Sur Farrugia u għalhekk talab lis-Seg. Eżekuttiv sabiex minflok, tibgħat lid-Direttur Carmel Abela tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u tfakkru ukoll illi fis-Sajf s-Seg. Eżekuttiv taħdem biss 30 siegħa fil-ġimgħa.

3. <u>Laqgħa max-*shadow minister* għal Għawdex, Dr Chris Said</u>

Is-Sindku u l-membri tal-Kunsill taw merħba lil Onor Dr Chris Said fil-laqgħa tal-Kunsill. L-Onor Dr Said irringrazzja lil membri tal-Kunsill li iltaqa' miegħu. L-Onor Dr Said beda' jispjega illi qed jiltaqa' ma kull Kunsill Lokali biex ikun jaf l-*issues* partikolari u sfidi ta' kull lokalita' sabiex ikun jista' jgħin lil Kunsilli fejn anke' ċerta *issues* jitilgħu ukoll l-Parlament. Kompla jgħid li rwol tiegħu hu li jiprova jsib soluzzjonijiet għal isfidi li jiltaqgħu magħhom l-Kunsilli. Is-Sindku rringrazzja lil Dr Said tal-preżenza tiegħu għal-laqgħa u infurmah li waħda mill-problemi li qed jiltaqa' magħhom il-Kunsill hu li mhux qed jinħarġu skemi ta' għajnuna biżżejjed u kull meta l-Kunsill applika qatt ma kwalifika. L-Onor Said qal li l-iskop ta' dawn l-iskemi hu li jgħin lil Kunsilli minħabba n-nuqqas ta' finanzi li jiltaqa' magħhom Kunsill u il-bord ta' l-iskemi jkollu diversi proġetti minn fejn jagħżel u jkun naqra diffiċli minhabba li l-finanzi jkunu ristretti. Kompla jgħid illi hu għamel PQ f'dan ir-rigward u qal li dawn l-iskemi huma inċentiva sabiex Kunsill jirnexxilu jġib aktar flus għal proġetti u inizjattivi. Is-Sindku qal li f'leġislazzjoni oħra l-Kunsill kien jikkwalifika minn dawn l-iskemi, kif ukoll għal festival tan-nar ta' l-art iżda f'din il-leġislazzjoni l-Kunsill qatt ma kwalifika ghax lejliet il-festa mentri l-Kunsill tal-Floriana jikkwalifikaw ta' kull sena minkejja li isir ukoll lejliet il-festa. Is-Sindku semma punt ieħor li bħala Sindku ma jħallihx jaqdi d-doveri tiegħu bħala Sindku fejn qal li fil-PSMC hemm immniżżel li Sindku jista' jingħata permess jattendi biss laqgħat uffiċċjali tal-Kunsill, laqgħat tal-MUSEC , tad-Dipartiment u ta' l-Assoċjazzjoni biss waqt il-hinijiet tax-xogħol. Kompla jgħid li jiġi mistieden diversi laqgħat minn Dipartimenti u Awtoritajiet tal-Gvern iżda bl-istess regolamenti tal-Gvern hu ma jistax jattendi ħlief jekk jieħu *leave* minn tiegħu. L-Onor Dr Said qal li importanti



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

li s-Sindku jattendi għal dawn id-diversi laqgħat. Is-Sur Micallef qal li anke mis-settur privat dan il-PSMC ma japplikax u li fl-opinjoni tiegħu mhux ġust peress li jkun qed jagħti il-ħin tiegħu lil lokalita'. Is-Sur Micallef qal li meta hu kien jaħdem mal-privat biex jattendi għal laqgħat tal-Kunsill kien ikollu jieħu l-leave minn tiegħu stess. L-Onor Dr Said qal li meta kienet qed tinbidel il-liġi kien qed jipprova iżda ma setax jimponi fuq il-privat iżda tkun ħaġa xierqa li tingħata eżempju ġimgħa leave għal Kunsilliera li jaħdmu mal-privat u l-gvern jħallas lil *employer* tal-leave li jkun ħa l-Kunsillier. Is-Sindku qal ukoll li fuq nota pożittiva wara li l-Kunsill talab kemm il-darba, l-Ministeru għal Għawdex kompla għamel it-*tarmac* fi Triq l-Isptar San Ġiljan. Is-Sindku qal ukoll li jħoss li bħala Kunsill qed tingħatalu ftit allokazzjoni peress li l-formola li tinħadem biha l-allokazzjoni mhix taċċevola lil Kunsill, qal li ma Kunsilli żgħar il-formola taħdem bil-kontra u li forsi għalhekk kien ikun hemm aktar skemi u dan sabiex ipatti għal allokazzjoni. L-Onor Said qal tuża formola x'tuża qatt ma ħa jkun hemm formola ġusta ma kulħadd. Qal ukoll li hu konxju li l-Fontana tiġi frekwentata minn ħafna traffiku peress li t-traffiku għax-Xlendi jgħaddi mill-Fontana u li l-Fontana hija wkoll *by pass* tar-Rabat. Kompla jgħid li l-formola preżenti taħdem fuq ħafna aspetti iżda xorta mhux perfetta u għalhekk l-iskemi li joħorġu jipruvaw jikkoreġu ftit dan l-aspett. L-Onor Said staqsa rigward il-kisi ta' toroq fil-Fontana u l-membri infurmawh illi ser tiġi miksija parti minn Triq il-Għajn u l-aħħar 35 metru ta' Triq John Gaspard le Marchant mill-fondi tal-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill ħa ħsieb li jiġi mnaddaf Wied ix-Xlendi, dik il-parti li taqa' fil-konfini tiegħu u li dan ukoll ġie mnaddaf u nbnew ħitan tas-sejjiegħ mill-fondi tal-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill għandu flus imġemma sabiex ikun jista' jibni l-uffiċċini u l-librerija tal-Kunsill iżda wara li l-kawża inqatgħet favur l-Kummissarju ta' l-artijiet is-Sur Anthony Cassar appella. Is-Sindku qal ukoll li jekk jingħata l-fond 189/190 lil Kunsill l-bejt tiegħu jiġi estiż maz-zuntier. Is-Sindku qal ukoll li suppost ix-xogħol ta' restawr tan-Niċċa tal-Kunċizzjoni jitlesta' sa' l-aħħar tas-sena. Is-Sur Micallef ġibed l-attenzjoni ta' Dr Said sabiex iqajjem punt, sabiex min hu bħal-Kunsill tal-Fontana li t-traffiku għax-Xlendi jrid jgħaddi mill-Fontana għalinqas bħala Kunsill jieħu persentaġġ mill-liċenzji li jħallsu l-ħwienet tax-Xlendi u dan biex il-Kunsill ikollu aktar fondi għat-tiswija tat-toroq peress li ħafna toroq spiċċaw minħabba t-traffiku kontinwu li għaddej lejn ix-Xlendi. Il-membri nfurmaw lil Onor Said illi fil-lokalita' hawn problema kbira tal-ħmieġ tal-ħamiem. L-Onor Said informa lis-Seg. Eżekuttiv biex tiċċekja mal-Kunsill ta' San Ġiljan x'sar sabiex ħelsu mill-problema tal-ħamiem. L-Onor Said faħħar il-ħidma tal-Kunsill u awguralu ħidma siewja. L-Onor Said ffirma wkoll il-*visitor's book* u f'isem il-membri tal-Kunsill, is-Sindku preżentalu r-replika ta' l-Għajn il-Kbira bħala tifkira.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

4. Laqgħa ma l-Avukat tal-Kunsill

Is-Sindku laqa' lil Avukat tal-Kunsill, Dr Jean Paul Grech fil-laqgħa tal-Kunsill sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti miegħu l-ittra ta' l-Ombudsman rigward l-Ex Aġent Seg. Eżekuttiv Amanda Abela, l-appell ta' fond 189/190 ta' Triq il-Għajn u rigward l-emejl mibgħuta mill-*Gozo Concrete Products.* L-avukat tal-Kunsill beda' jgħid illi l-Kunsill irid jibgħat risposta ta' l-appell li għamel s-Sur Anthony Cassar fi żmien 20 ġurnata minn meta l-Kunsill irċevih bil-marixall. Is-Sindku staqsa meta wasal l-appell fl-uffiċċju tal-Kunsill u s-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li ilu li ġie ġimgħa.
Is-Seg. Ezekuttiv staqsiet lil Avukat kif ser jirrispondi l-Kunsill lil Ombudsman fuq il-każ ta' Amanda Abela. L-Avukat staqsa lil Kunsill ix-xogħol kienx isir mill-uffiċċju biss jew jekk kienitx ukoll tagħmel ix-xogħol id-dar. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li hi setgħet għamlet ix-xogħol anke id-dar peress li mhux marbuta bħala Aġent Seg. Eżekuttiv li x-xogħol isir mill-uffiċċju tal-Kunsill. Is-Sindku qal li ta' l-aħħar pagament mill-aħħar ġimgħa ta' Ġunju talbet 61.5 siegħa inkluż l-*interim audits* 16-il siegħa u li għalihom m'attenditx u wara li ġibed l-attenzjoni il-Kunsill, naqsitilhom mill-kont u li fl-opinjoni tiegħu is-siegħat mitluba huma esaġerati. L-Avukat qal li ser jinforma lil Ombudsman li l-Kunsill ma setax iżomm *records* peress li kienet taħdem *full time* ma Kunsill ieħor. L-Avukat ta l-parir li l-Kunsill għandu jagħti risposta ukoll lil Ombudsman li l-Kunsill lest li jħallas biss ċertu ammont ta' siegħat li jaħseb li saru u li l-Kunsill dispost li jħallas ċertu ammont. Is-Sur Farrugia qal li għandha titħallas ċertu ammont la tkun ħadmet għalihom. Is-Sur Mercieca qal li qabel il-Kunsill qatt ma oġġezzjona għal pagamenti li addiela u li l-Kunsill għandu jiċċekkja jekk pro rata hiex l-istess tas-siegħat li ħallas diġa l-Kunsill fix-xhur preċedenti. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti illi fis-7 ta' Lulju ġiet tagħti kważi siegħa *handover* fil-Kunsill. Is-Sur Micallef qal li hu ma jaqbilx li titħallas għax tirrispondi telephone biss u fakkar lil Kunsill li qabel ma talbet il-ħlas qatt ma tagħat spjegazzjoni ta' hinijiet. Is-Sindku qal ukoll li lejn l-aħħar ta' Ġunju kien hemm żewġ emejls urġenti li ma weġbithomx u kellha tweġibhom is-Seg. Eżekuttiv preżenti meta bdiet fis-7 ta' Lulju 2014. Is-Sindku qal li importanti li l-Kunsill jimxi mad-deċiżjonijiet li diġa ħa f'laqgħat preċedenti. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tgħaddi kopja tal-*file* lil Avukat tal-Kunsill sabiex ikun jista' jirrispondi lil Ombudsman. Il-membri qablu li l-Avukat għandu jwieġeb illi s-Sinjura Abela qatt ma tat spjegazzjoni eżatta ta' kif u minn fejn saru dawk is-siegħat u li dak in-nhar il-Kunsill kien qed jaħdem bin-nofs ta' nhar. L-Avukat qal ukoll li din tista' tiġi preskritta peress li ma hemmx proċeduri l-Qorti u li l-każ ta' l-Ombudsman mhux ikkonsiderat. Il-membri qablu li l-Ombudsman xorta għandu jiġi imwieġeb f'dan ir-rigward. L-Avukat tal-Kunsill ser jiddraftja ittra u wara li jkun hemm qbil mill-membri tal-Kunsill fuqha, jibgħata lil Ombudsman.



S.Bez

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil Avukat tal-Kunsill li l-Gozo Concrete Products reggħu ġeddew il-garanzija. L-Avukat informa lil membri li reġa eżamina l-appell u anki d-deċiżjoni ta' l-appell. Kompla jgħid li fl-appell talbu li titħassar is-sentenza iżda fl-istess ħin ma għamlux talba lil bord ta' l-appell biex jaġġudika l-offerta lilhom, qal li l-Bord ta' l-Appell aċċetta l-appell taghhom u waqaf hemm. Kompla jgħid li minħabba d-deċizjoni ta' l-appell l-offerta ta' Salvu Ellis waqgħet fejn ir-raġunijiet kienu illi l-Kunsill daħħal kundizzjonijiet ġodda waqt il-proċess ta' l-adjudikazzjoni u din ma setgħet issir qatt u it-tieni punt fundamentali hu li l-Kunsill kien qal li l-materjal li ried il-Kunsill ried ikun lokali u sussegwetament il-materjal ma kienx lokali avolja l-Kunsill ma kienx jaf li l-materjal ma kienx lokali qabel ma sar l-appell. L-Avukat qal li għad li waqghet is-sentenza ma hemmx bilfors li l-Kunsill irid itiha lil Gozo Concrete Products, kompla jgħid ukoll li kif ġie infurmat mis-Sindku u mis-Seg. Eżekuttiv il-Kunsill kien qabel li jinbidel il-materjal u minflok isir bil-*porfido.* Is-Sindku qal li din kienet deċiżjoni li ħa l-Kunsill xi xhur ilu u li l-Perit Vella għadu ma applikax mal-MEPA. L-Avukat qal li jekk ma hemm ebda kundizzjoni fl-offerta li tgħid li jekk il-Kunsill jidhirlu li l-proġett m'għandux isir iżomm dan id-dritt jista' jagħti il-kas li l-Kunsill jinżamm responsabbli għad-danni. L-Avukat ta' l-parir li għandha terġa' tiġi eżaminata l-offerta tal-Gozo Concrete Products qabel ma daħlu r-rekwiżiti wara li ħarġet l-offerta. Is-Sindku infurmah illi f'offerta oħra li ħarġet qabel ma kienitx ingħatat lil AF Ellis u ġiet rifjutata peress li skond ir-rapport tal-Perit Vella kienet ġebla dgħajfa. Is-Sur Micallef staqsa lil Avukat jekk jistax il-Kunsill iwaqqa' l-offerta peress li r-rekwiżiti idaħħlu wara. L-Avukat qal li dan ma jistax isir peress li kienet diġa saret l-aġġudikazzjoni u li l-aġġudikazzjoni saret a bażi ta' rekwiżiti li idaħħlu wara. Is-Seg. Eżekuttiv ġiet mitluba tgħaddi kopja tar-rapport ta' l-adjudikazzjoni tal-Perit Vella lil Avukat tal-Kunsill. L-Avukat ta l-parir li l-Kunsill għandu jagħmel adjudikazzjoni tal-Gozo Concrete Products sabiex il-Kunsill jevita' xi danni li jista' jkun hemm. L-Avukat tal-Kunsill fakkar li l-appell li għamel Gozo Concrete Products kien biex ma tinghatax l-offerta lil AF Ellis mhux biex jeħodha hu. Il-membri qablu li l-Avukat għandu jibgħat *draft* ta' l-ittra lil Kunsill qabel ma jibgħat ir-risposta tal-Kunsill lil Gozo Concrete Products.

Rigward fond 189/190, s-Sindku staqsa lil Avukat tal-Kunsill x'jiġri jekk ma baqax żmien sabiex il-Kunsill jibgħat ir-risposta tiegħu rigward l-appell li għamel is-Sur Anthony Cassar. L-Avukat irrisponda li jekk għadda ż-żmien, ir-risposta tal-Kunsill ma tibqax ġol-*file,* pero' meta jinstema l-appell, il-Kunsill ikun jista' jagħti il-verżjoni tiegħu bil-fomm. Is-Sindku qal li ser jieħu ħsieb l-għada fil-għodu jistaqsi fil-qorti jekk iż-żmien ta' 20 ġurnata għaddiex. Il-membri qablu li l-Kunsill ghandu jibgħat risposta ta' l-appell u jindirizza l-agruvvji li tqajmu. L-Avukat fakkar lil membri li l-Kunsill għandu jistenna ta' l-inqas tlett snin biex jinstema' dan il-każ iżda l-proċess hu qasir li jieħu bejn wieħed u ieħor xagħrejn.

Il-membri rringrazzjaw lil Avukat u ħareġ mill-kamra.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

5. Rapport tal-Bord ta' Evalwazzjoni rigward l-offerta għal servizz ta' Perit

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri illi l-Bord ta' Evalwazzjoni iltaqa' darbtejn f'dan ir-rigward u hi kellha tkun fil-laqgħa tal-bord. L-ewwel darba li iltaqa' l-bord talab lil CP Partners u lil Perit Anthony Bezzina sabiex jikkjarifikaw xi affarijiet jiġifieri sabiex jiddentifikaw xi proġetti. Il-Bord ta' Evalwazzjoni informa lil Kunsill illi CP Parners mhumiex *technically compliant* waqt li l-Perit Anthony Bezzina huwa *technically compliant*. Dok A. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jimxi mar-rapport tal-Bord u għalhekk għandu jintgħażel il-Perit Anthony Bezzina. Is-Sur Micallef qal li l-Kunsill għandu jiltaqa' miegħu malajr kemm jista' jkun sabiex jibda' joħroġ l-offerti li hemm bżonn. Is-Sur Mercieca qal li importanti li kull meta jkollu bżonn il-Perit il-Kunsill jattendi. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni kif fl-offerta hemm imniżżel li r-rappreżentant tal-Kunsill huwa s-Seg. Eżekuttiv u infurmuha li importanti li s-Seg. Eżekuttiv timxi skond id-direttiva tal-Kunsill. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li jkun min ikun r-rappreżentant tal-Kunsill anke jekk inhu s-Sindku għandu jimxi mad-direttiva tal-Kunsill u li fl-offerti r-rapreżentant tal-Kunsill għandu jkun dejjem is-Seg. Eżekuttiv.

6. Korrispondenza

6.1 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li irċeviet emejl minn għand Adrian Mifsud tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward *The Strategy for Innovation and Good Governance at Local Level and the European Label of Governance Excellence EloGE.* Is-Seg. Eżekuttiv infurmat li dawn huma sensiela ta' laqgħat rigward in-Norway Grants. Is-Sindku qal li jekk hemm bżonn li tattendi importanti li tattendi.

6.2 Memo 34/2015 – Kuntratti Dwar Latrini Pubbliċi fejn il-Kunsill ġie infurmat illi l-kuntratti m'għandhomx ikun ghal aktar minn sena li tibda mill-1 ta' Jannar 2016. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni fis-7 ta' Diċembru li minn ħames bozoz kien hemm erbgħa ma jiffonzjonawx u talab lis-Seg. Eżekuttiv biex tinforma b'dan lil Kuntrattur permezz ta' ittra ireġistrata u hemm żewġ *flushing* bl-ilma ħiereġ bil-kawża li qed jinħela konsum ta' l-ilma. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil preżenti li bghatitlu żewġ ittri ireġistrati f'dan ir-rigward u ghalhekk is-Sindku propona illi għandu jingħata penali skond il-Kuntratt. Is-Sur Micallef staqsa jekk jistax il-Kunsill jirranġa l-affarijiet hu jekk il-Kuntrattur ma jieħux ħsieb u l-ispejjes jinqatgħu mill-flus li għandu jieħu. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li tagħtu ċans ta' 24 siegħa biex jirranġa l-affarijiet. Is-Seg. Eżekuttiv ġiet mitluba qabel tiċċekja mal-Kuntratt. Il-membri qablu.

6.3 Emejl mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn infurmaw lil Kunsill li ser jestendu l-proġett tal-*Wifi Access Points* installati f'postijiet pubbliċi bil-għan



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel. 21558877 – Fax: 21562555

li jħajru iktar l-użu tal-*Internet* fil-lokalitajiet kollha f'Malta u Għawdex f'żoni barra mid-djar u l-uffiċċini. Għal dan il-għan il-Kunsill intalab jindika żewġ *access points* oħra fejn dawn il-postijiet iridu jkunu spazji pubbliċi ffrekwentati sew mir-residenti tal-lokalita' bħal per eżempju pjazez, ġonna pubbliċi, libreriji lokali jew reġjonali, ċentri ċiviċi, ċentri taż-żgħażagħ jew *day centres*. Is-Sindku propona li jsir wieħed mill-*Wifi Access Points* fil-belvedere fuq ir-riħ tal-Munxar fejn hemm l-irħama li kien għamel il-Kunsill biex dan il-*Wifi Access Point* ikun f'nofs il-belvedere. Is-Sur Micallef qal li qabel xejn wieħed irid jara jekk hemmx linji tat-telefon u l-internet. Is-Seg. Eżekuttiv infurmathom illi dak kollox f'idejn id-Dipartiment u li xogħol il-Kunsill hu kemm nindikaw żewġ postijiet. Is-Sindku propona wkoll sabiex it-tieni *wifi access point* isir fejn l-Għajn fi Pjazza l-Għejjun. Is-Sur Mercieca propona li hu ta' l-opinjoni li jsir fuq iz-zuntier tal-Knisja. Is-Sur Micallef qal li jaqbel mas-Sur Mercieca u propona li minflok isir fuq ir-riħ tal-Munxar isir fuq iz-zuntier tal-Knisja peress l-*wifi* li hemm preżenti fil-*playing field* jaqbad biss minn ċertu postijiet u l-ieħor isir fi Pjazza l-Għejjun. Il-membri qablu.

6.4 Ittra minn għand Transport Malta fejn infurmaw lil Kunsill illi ma jsibux oġġezzjoni illi jsir *double yellow line* faċċata tal-garaxx tas-Sur Emanuel Grech fi Triq ta' Mulejja.

6.5 Ittra minn għand Transport Malta fejn infurmaw lil Kunsill li ma jsibux oġġezzjoni sabiex Triq Wied Siekel issir *no entry for heavy vehicles except to render a service*. Il-membri qablu li jiġu ordnati sitt tabelli biex jeħlu tnejn fi Triq San Martin, tnejn quddiem d-dar ta' Vella u tnejn fejn ta' Ester Sacco.

7. <u>Approvazzjoni ta' Kontijiet</u>

Iċ-ċedola tal-pagamenti ma tressqitx għall-approvazzjoni.

8. <u>Materji oħra</u>

8.1 Is-Seg. Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-preżenti jekk f'lejliet l-ewwel tas-sena il-Kunsill jistax jiftaħ l-uffiċċini sas-1.00 ta' wara nofs in-nhar biss u dan skond Memo 103/2010 – Ħinijiet minimi obbligatorji tal-ftuħ tal-uffiċini tal-Kunsilli Lokali. Il-membri qablu li l-uffiċċju jngħalaq imbasta jittieħed mill-*leave* ta' l-impjegat stess. Infurmat ukoll lil preżenti li kien hemm direttiva mid-Dipartiment sabiex l-għada tal-Milied u l-għada ta' l-ewwel tas-Sena l-Kunsill ma jiftaħx billi jaħbat is-Sibt.

8.2 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-allokazzjoni lil Kunsill mill-Gvern Ċentrali għas-sena 2016 ser tkun €139896 u żdiedet madwar



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

€5000 mis-sena 2015. Dok B. Is-Sur Micallef staqsa xi jkun il-Fond għal Amministrazzjoni. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu illi l-proġetti jittieħdu mill-Fondi għal Amministrazzjoni peress li l-Amministrazzjoni mhix biss għal amministrazzjoni ta' l-uffiċċju imma wkoll għal amministrazzjoni tar-raħal. Is-Sur Mercieca qal li kieku jibqa' l-flus ikun għaqli li Triq Kappillan Hili minflok isir il-*patching* titqaxxar il-kisja tal-wiċċ u tingħata mill-ġdid bit-tarmac. Is-Sur Micallef qal li mill-esperjenza li għandu Triq l-Isptar San Giljan hekk kien il-ħsieb iżda x'ħin bdiet tinqala' indunaw li jkun aħjar li ssir sew mal-ewwel. Is-Sindku qal li importanti li jsir *patching* sew fiha u kull fejn hemm bżonn u s-Sur Micallef żied jgħid li jitpoġġa wkoll iċ-ċagħaq taħt il-*patching*.

8.3 Rigward il-*house connection* fi Triq Għajn Tuta li hemm diversi ilmenti dwaru, is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-iskrivan kemm il-darba ċempel lil Fortunato Fava li ġie għal permess tat-*trenching* iżda s-Sur Fava informa lil Kunsill li hu qed jistenna minn għand ir-Road Construction sabiex jagħmlu l-*patching* sew fejn għamlu l-*house connection*. Is-Sur Micallef qal li hu ċempel lil Brian Borg tal-WSC biex jistaqsi għamluhix huma peress li kien hemm il-ħaddiema mit-taqsima tad-drenaġġ iżda s-Seg. Eżekuttiv infurmatu li dan kien xogħol privat. Is-Sindku u s-Sur Mercieca qalu li l-Kunsill għandu jkellem lil Kuntrattur biex jiranġa t-triq malajr kemm jista' jkun iżda s-Seg. Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni illi hu responsabli s-sid mhux il-kuntrattur peress li l-permess mal-Kunsill ġie għamlu s-sid mhux il-kuntrattur. Is-Sur Farrugia qal li s-sid għandu jieħu azzjoni malajr kemm jista' jkun. Is-Sindku propona li tinġibed l-attenzjoni tas-sid sabiex jimxi mar-regolamenti cioe li tinqata' bis-siega u jsir il-*patching* neċessarju. Is-Sur Mercieca qal li hu ivverifika ma persuna u ġie infurmat li għandu ċans xagħrejn sakemm tiġi rranġata. Il-membri qablu mas-Sur Mercieca li jiġi mistoqsi l-Avukat tal-Kunsill għal parir ta' min hu responsabbli f'dan il-każ. Il-membri qablu wkoll li tintbgħat ittra rreġistrata lil Fortunato Fava li ser jinżamm responsabbli jekk iweġġa xi ħadd.

<u>*Mis-Sindku*</u>

8.4 Biex jitnaddaf sew il-ħmieġ tal-ħamiem li qed ikun hemm fuq il-bankini faċċata tal-Knisja u f'partijiet minn Triq Kappillan Hili. Il-kennies għandu jieħu ħsieb li kull x'ħin ikun jiknes jagħti tindifa sew ta' fejn ikun hemm il-ħmieġ tal-ħamiem.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555



S. Borg

8.5 Sabiex jinżebgħu s-sinjali tat-toroq kollha mill-ħaddiema tal-Kunsill u qal li diġa ressaqha f'laqgħat preċedenti tal-Kunsill.

8.6 Biex tinkines sew mit-trab u titnaddaf mill-ħaxix Triq Kardinal Alessandro Franchi u Triq John Gaspard le Marchant għax kollox għadu kif kien xahar ilu. Is-Seg. Eżekuttiv qalet li hemm mar ħaddiem tal-Kunsill inaddaf l-inħawi. Is-Sindku qal li s-Seg. Eżekuttiv għandha issegwi li x-xogħlijiet isiru.

8.7 Is-Sindku qal li dar ma l-Eng. Mario Galea biex jaraw fejn ser jeħlu l-bozoz ġodda u kompla jgħid li ser issir applikazzjoni għal bozoz il-ġodda. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lis-Sindku li talbuha tiffirma erbatax-il applikazzjoni u li ma ġietx mogħtija lista' ta' fejn ser jeħlu dawn il-bozzoz. Is-Sur Micallef qal li ġie avviċinat minn Charlie Micallef fejn qallu li jkun aħjar li l-bozza ma teħilx mal-faċċata tiegħu fi Triq John Gaspard le Marchant. Is-Sindku wieġbu li x'ħin kellmu lil ħuħ, Victor, qallu li ma jsib ebda oġġezzjoni. Is-Sindku kompla li la ma jridx, il-Kunsill jara jsibx post alternattiv fejn għandha teħel.

8.8 Sabiex jinxtraw il-qsari biex jeħlu fil-*pots* ta' taħt ir-*railing*.

8.9 Sabiex tinxtara x-xemgħa biex tinxtegħel quddiem in-niċċa tas-Salvatur.

8.10 Sabiex ikomplu l-manutenzjoni ta' l-Għajn ta' Bendu u l-Għajn il-Kbira peress li jonqos xi ftit fili biex jitkaħlu.

8.11 Sabiex jinżebgħu l-*bollards* f'Wied Siekel.

8.12 Staqsa wkoll lil Kunsilliera biex jerġa' jiġġedded il-kuntratt ta' Christine Fenech. Il-membri qablu li jiġi mġedded b'xahar ieħor mit-18 ta' Jannar 2016 sas-17 ta' Frar 2016. Il-membri qablu.

8.13 Is-Sindku qara wkoll l-aħbarijiet ta' l-aħħar xagħrejn. Dok C.

8.14 Sabiex jiġi imnaddaf u mgħażuq sew il-belvedere fi Triq ta' Mulejja u jerġgħu jinżebgħu sew il-bankijiet, jimbarxu sew ħalli jerġgħu jiġu *clear*. Ġibed l-attenzjoni li l-*bollards* fi Triq ta' Mulejja għadhom ma sarux u titbattal il-ħamrija tal-*pot* mkissra tal-belvedere u tintrema' il-*pot* imkissra.



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

*Is-Sur Horace Micallef*

8.15 Sabiex jitkompla jinqata' l-ħaxix fi Triq Għajn Tuta. Qal li l-ħaddiem qed jidħol jaqta' l-ħaxix fi Triq Għajn Tuta iżda ma jibqax dieħel il-ġewwa sew.

8.16 Talab ukoll sabiex jiġu mbexxa sew il-bankini fi Triq Kappillan Hili. Is-Sindku qal li l-pompa tal-bexx mhux qed taħdem sew, għalhekk għandha titranġa. Is-Sur Mercieca qal li għandha tiġi mnaddfa bil-*bleech.*

*Is-Sur Mario Mercieca*

8.17 Informa lil membri li ġie mitlub sabiex issir ħadida lil resident biex ikun jista' jitla' fuq il-bankina bejn il-bankina u l-parapett quddiem Mejlak Flats fi Triq Kappillan Hili peress li ma jkunx jista' jitla'. Il-membri qablu li bħal ma hemm fejn ta maġenbu lil dan ukoll jagħmillu ħadida peress li la ħa tostakola l-bankina u lanqas ma hi fil-privat.

8.18 Informa lil Kunsill illi ser isir il-Festival taċ-Ċitru jekk l-Kunsill jitħajjar jagħmel ħarġa għal Malta. Is-Sindku qal li l-aħħar ħarġa saret ġimgħa ilu u għalhekk tkun qrib wisq.

9. Aġġornament tal-Laqgħa

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Gimgħa, 29 ta' Jannar 2016 fil-5.00 ta' fil-għaxija.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 ta' filgħaxija.

Saviour Borg
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv



Kunsill Lokali Fontana
Multi Purpose Room
L-Ewwel Fazi taċ-Ċentru Ċiviku
Triq ta' Mulejja
Fontana FNT 1110
Tel: 21558877 – Fax: 21562555

Dok A

# FNT 02/2015 - Tender for the Provision of Professional Services of an Architect to Council

Board Members:

Dr. Joseph Attard
Perit John Saliba
William Sultana

Meeting 1 – 14th December 2015 – 9.00 AM
Meeting 2 – 22nd December 2015 – 9.00 AM

Bidder 1 – Perit Anthony Bezzina
Bidder 2 – CP Partners

Comments:

***CP Partners***

CP Partners were requested a clarification to indicate the number of projects in Environmentally Sensitive Areas and Road Works and works in Urban Areas. Correspondence is attached to Annex 1.

The response did not satisfy the requirements, moreover it was noted that the bidder failed to submit references, photos of works carried out and general information including CV.

**Therefore CP Partners was deemed to be technically non compliant.**

***Perit Anthony Bezzina***

Perit Anthony Bezzina was requested a clarification to indicate the number of project in Environmentally Sensitive Areas. Following this response, the tenderer was deemed to be technically compliant.



22.12.15

Dok A

Rates Submitted:

***Perit Anthony Bezzina:***

***Professional Consultancy: 4.75%***
***Contract Management Service: 4.75%***

***CP Partners:***

***Professional Consultancy: 4.62%***
***Contract Management Service: 4.62%***

**Final note, Perit Anthony Bezzina is to be considered as technically compliant, whilst the bid submitted by CP Partners is Technically Non Compliant.**

S. Bez

22.12.15

Dok B

**Fontana Local Council at DLG**

| | |
|---|---|
| **From:** | Farrugia Pio at DLG |
| **Sent:** | 15 December 2015 16:01 |
| **To:** | Fontana Local Council at DLG |
| **Subject:** | Allocation 2016 |

Executive Secretary

Please note hereunder.

Regards

Pio Farrugia
Assistant Director
Department for Local Government

t: +356 22002387 e: pio.farrugia@gov.mt | www.gov.mt

Ministry For Justice, Culture and Local Government
26, Archbishop Street, VALLETTA, MALTA

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

**TABELLA TA' L-ALLOKAZZJONI FINANZJARJA JANNAR-DIĊEMBRU 2016**

**KUNSILL LOKALI IL-FONTANA**

**ALLOKAZZJONI FINANZJARJA LILL-KUNSILL TIEGĦEK IMQASSMA SKONT IL-FUNZJONIJIET**

| FUNZJONI | € |
|---|---|
| PARKI, ĠONNA U 'SOFT AREAS' | 1,000 |
| MANUTENZJONI TA' TOROQ | 17,737 |
| IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART | 26,591 |
| NEFQA GĦALL-AMMINISTRAZZJONI | 84,667 |
| FOND GĦALL-AĠĠUSTAMENT | 5,267 |
| * AMMONT ALLOKAT GĦAL 'TIPPING FEES' | 4,634 |
| ALLOKAZZJONI TOTALI € -> | 139,896 |

*** Nru ta' Residenzi fil-lokalita' / Total ta' Residenzi f'Malta u Għawdex**

**x € 2,113,529 ->**

**L-Istatistika tar-Residenzi ingħatat mill-NSO**

Dok C

Beda ix-xogħol mill-Ministeru għal Għawdex fuq il-parti kbira minn Triq l-Isptar San Ġiljan fejn ser isir xogħol fuq is-sistema ta' l-ilma u wiċċ ġdid bit-tarmac.

Il-kunsill informa lil Awtorita tax-Xandir li ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jsir xandir mir-Radju tal-Komunita 'Sacro Cuor'.

Bdew korsijiet tal-*Life Long Learning* li huma Ganutell, *Ladies & Gents Garments* fis-Sala tal-Komunita.

Saret l-ewwel laqgħa tal-Bord maħtur mill-kunsill dwar l-impjieg ta' skrivan/a mal-kunsill.

Is-Sindku attenda għal laqgħa oħra tal-kumitat reġjonali għal Għawdex li saret fil-Banca Giuratale.

Saret ħarġa soċjo kulturali għar-residenti tal-Fontana f'Malta. Żorna l-Birgu fl-okkazjoni tal-Birgu Fest u l-lokalita ta' Marsaxlokk. Attendew 53 persuna fosthom is-Sindku u l-kunsillier Horace Micallef.

Sar l-*interview* għal xogħol ta' *Clerk* mal-kunsill mill-Bord ta' l-Għażla.

Is-Sindku attenda għal quddiesa fl-okkażjoni ta' Jum Għawdex fil-knisja ta' San Ġakbu. Wara sar diskors ta' l-okkażjoni mil-President Reġjonali Dr Samuel Azzopardi, u tqegħid ta' kuruna mal-monument ta' l-Arċipriet Saver Cassar.

Il-Kunsill approva r-rapport tal-Bord tal-Għażla dwar il-ħatra ta' skrivan mal-Kunsill. Saret ukoll l-approvazzjoni għal xiri ta' sitt imwejjed għas-Sala tal-Komunita' u ħames Bollards għall-Belvedere ta' tarf Triq Ta' Mulejja.

Sar tqassim ta' pakkett boroż degridabbli għas-separazzjoni tal-iskart domestiku f'kull residenza tal-Fontana.

Is-Segretarja Eżekuttiv ħadet sehem f'ċerimonja ta' tħawwil ta' siġar taż-żebbuġ fuq l-għolja t'Għammar,fejn il-Kunsill ħawwel żewġ siġriet. Dan sar fl-okkażjoni ta' *Get in Touch with Nature*.

Ingħatat is-sentenza mil-Maġistrat Paul Coppini dwar il-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn fejn il-Kunsill irid ikompli l-proġett taċ-Ċentru Ċiviku. Is-sur Anthony Cassar tilef il-kawża kontra l-kummissarju tal-artijiet dwar l-iżgumbrament tiegħu mil-fond. Dan peress li l-qorti ċaħdet it-talba tiegħu biex ikunu rikonoxxut bħala l-kerrej tal-fond.

Grupp ta' studenti mill-iskejjel primarji żaru x-xelter tal-gwerra fi Pjazza l-Għejjun.

Beda l-impjieg tiegħu bhala skrivan mal-Kunsill is-sur Christopher Buhagiar. Nawgurawlu ħidma fejjieda mal-Kunsill b'risq ir-residenti tal-Fontana.

Inagħtat l-aħħar kisja *tarmac* fil-parti kbira ta' Triq l-Isptar San Giljan li saret mill-Ministru għal-Għawdex peress li hija triq arterja għalhekk taqa' taħt ir-responsabilta' tal-istess Ministreru.

Bħas-snin l-imgħoddija ngħatat it-tilqima tal-influwenza fis-Sala tal-Komunita'.

Is-Sindku u r-rappreżentanti tal-Kunsill taż-Żgħażagħ Joseph Mercieca u Andre Camilleri attendewe għaċ-ċerimonja mmexxija mill-President tar-Repubblika Marie Louise Coleiro Preca dwar il-ġbir li ser isir minn Għawdex għall-*Community Chest Fund*. Din saret fl-uffiċju tal-*Community Chest Fund* t'Għawdex.

Dok C

Sar il-ħlas mid-dipartiment tal-Gvern Lokali tas-sistema tal-*Live Streaming*, li kien jammonta għal €2279.25, kif ukoll il-pagament tal-kuntratt iffirmat mal-Green MT dwar il-ġbir tal-iskart separat. L-ammont kien ta €2500.

Is-Sindku u l-Membri tal-Kunsill Horace Micallef, Carmel Farrugia u Mario Mercieca attendew għall-Pontifikal tal-Festa ta' Sant' Indrija, patrun tal-Fontana.

Sar l-appell mis-sur Anthony Cassar dwar is-sentenza li ngħatat mill-qorti dwar l-iżgumbrament tal-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn.

Ġie mfakkar it-22 anniversarju tat-twaqqif tal-Kunsill Lokali. Saret quddiesa ta' ringrazzjament fil-knisja parrokjali fejn attendew is-Sindku u l-kunsilliera Horace Micallef, Carmel Farrugie u Mario Mercieca. Wara, kien hemm it-tqegħid ta' kuruna mal-Monument tas-Sajjieda mis-Sindku fil-preżenza tal-kunsilliera u l-Kapillan. L-attività' tkompliet b'serata soċjo-kulturali fis-Sala tal-Komunita' fejn ingħata kunċert minn D Capitals Band flimkien mal-kantana residenti tal-*band*, Francesca Sciberras. F'din is-serata ġie mogħti it-Trofew ta' Ġieħ il-Fotana tal-ħidma kbira li wettqu, fil-parroċċa u anke fil-Fontana, għall-mibkijin Toni Farrugia u Emanuel Schembri. Dan it-trofew ġie ppreżentat mis-Sindku lis-sinjuri Mananni Farrugia u Cassie Zammit f'isem dawn il-benefatturi tar-raħal.

Is-Sindku flimkien mal-Enġinier Mario Galea daru mal-lokalita' tal-Fontana sabiex jaraw fejn jistgħu jiżdiedu l-lampi fit-toroq.

Ġie organizzat *"Weekend Break"* f'Malta fil-lukanda San Antonio fil-Qawra. Tul din l-attivita' saret żjara f'dawn il-postijiet: il-Belt Valletta u Tigne' Point is-Sibt u l-Knisja tal-Kunċizzjoni tal-Bormla u Marsaxlokk il-Ħadd. Attendew 51 persuna fosthom il-kunsilliera Mario Mercieca u Horace Micallef.

Saret ħarġa ta' nofs ta' nhar f'Għawdex għar-residenti tal-Fontana. Saret quddiesa fil-knisja l-qadima tal-Madonna ta' Loretu f'Għajnsielem. Wara saret żjara fil-Mużew tal-Folklor fil-Qala u kif ukoll l-Għar ta' Calypso fix-Xagħra. Wara kellna *'pasta lunch'* fid-*Downtown Hotel Cafeteria* fil-Belt Victoria. Attendew 27 persuna, fosthom is-Sindku u l-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia.

Is-Segretarja Eżekuttiv flimkien mal-Kunsillier Carmel Farrugia attendew għal attivita' fil-Kunsill Lokali tal-Għarb fejn is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, Stefan Buontempo, ippreżenta *cheque* lir-regjun t'Għawdex minħabba bdil ta' bozoz (għal LED) fit-toroq t'Għawdex.

S. Bo